**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 114/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Mangion**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Patrick Mangion, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 68773(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Novembru 2017 għal ħabta ta' bejn 18:00hrs u 19:17hrs, ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola (Raħal l-Ġdid), Malta u matul il-jiem ta' qabel dina d-data, Malta u f'dawn il-gzejjer Maltin, kellu fil-pusess tiegħu d-droga herojina (10.36grms) speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President

ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artiklu 33A tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, titratta lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lil Patrick Mangion u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2024, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsamiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tar-regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Patrick Mangion ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-piena ta' sittax -il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Ewro (€50), bl-ewwel pagament jitħallas fi zmien xahar mill-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. *In oltre*, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati għall-ħlas ta' spejjez konnessi mal-ħatra ta' esperti fl-istadju tal-proċess-verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-Professur Emanuel Sinagra u tal-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat PC 959 Daniel Formosa, ammontanti għas-somma ta' mitejn u tnejn u sebgħin ewro u għaxar ċentezmi (€272.10) liema spejjez għandhom jitħallsu mill-ħati fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita in atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċes-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema

dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-21 ta' Frar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Frar 2024 u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u f'każ li xorta ssibu ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu, tvarja s-sentenza u tipprovdi sentenza aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar id-19 ta' April 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellant iddur madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta jilmenta illi l-konsiderazzjonijiet dwar il-fatti tal-każ kienu żbaljati tant illi ma setatx raġonevolment tirriżulta l-ħtija għall-imputazzjoni lilu addebitata. Huwa jisħaq li hemm dubju raġonevoli dwar jekk id-droga misjuba fiċ-ċella tiegħu ġewwa l-Ħabs kenitx tappartjeni lilu jew lill-priġunier ieħor, ċertu Sandro Mifsud, li kien jinsab fiċ-ċella fil-ħin tal-akkadut. Finalment jisħaq li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet sabiex isir analizi ta' *DNA*, la fuq il-*foil* u lanqas fuq il-borża allegatament kontenenti d-droga.

Illi, huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza illi din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament dwar il-provi li jkun magħmul minn Qorti ta'l-ewwel grad u dan meta jirriżulta illi l-konklużjoni li dik il-Qorti waslet għaliha kienet raġonevolment u legalment b'saħħitha. Għal dan il-għan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li

ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, bil-għan lil ikun issindikat minnha l-konklużjoni milħuqa fis-sentenza appellata[1].

Illi jingħad mill-bidu illi provi diretti li joħolqu ness bejn l-appellant u l-kummissjoni tar-reat f'dan il-każ ma hemmx, bl-Ewwel Qorti allura tistrieħ neċessarjament fuq il-provi indizzjarji misjuba fuq ix-xena tar-reat li fil-fehma tagħha assumew importanza kbira meta ġiet għal konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija. Illi kemm il-darba kien affermat illi:-

> **L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew ċirkostanzi jistgħu raġonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bhala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.**
>
> **Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li faċilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha[2].**

Illi, mill-provi li jemerġu mill-atti proċesswali jirriżulta li nhar it-28 ta' Novembru 2017, il-Pulizija kienet infurmata mill-*Control Room* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li matul *surprise inspection* magħmula mill-gwardjani fil-ħabs, instabet sustanza ta' kulur kannella ġewwa borza tal-*plastic* zgħira f'ċella ta' priġunier. Il-Pulizija marret fuq il-post fejn tkellmet ma' CO 143 Noel Buttigieg u CO 177 Matthew Cilia li spjegaw

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002.

li waqt din l-ispezzjoni li saret bil-klieb ġewwa *Division 13*, ċella numru 34 - li kienet ċ-ċella tal-appellant Patrick Mangion - fuq xkaffa li hemm ġewwa l-istess ċella, taħt it-tieqa, ġie nnutat *foil* maħruq. Minn tfittxija li saret instabet ukoll borza zgħira bi trab kannella ġewwa fiha, taħt is-sodda fl-istess ċella. Minn eżami xjentifiku li sar fuq l-istess sustanza mill-Espert tal-Qorti, il-Professur Manwel Sinagra, irriżulta li t-trab ta' lewn kannella kienet propju il-mediċina perikoluża erojina fl-ammont totali ta' 10.36 grammi u b'purita' ta' ċirka 5%.

Illi, mit-testimonjanza ta' CO 143 u CP 177 irriżulta illi fil-ħin ta'l-ispezzjoni, ġewwa ċ-ċella, nstab l-appellant Patrick Mangion, li f'dak il-ħin kien jidher li kien rieqed fuq is-sodda, kif ukoll priġunier ieħor, ċertu Sandro Mifsud imlaqqam 'id-dudu', li dan ta'l-aħħar qatt ma inġieb fil-qorti biex jixhed. *In oltre*, meta SM143 (CO143) Noel Buttigieg xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti kkonferma li kienet saret spezzjoni fit-28 ta' Novembru 2017 f'divizjoni 13, ċella 34 li fiha kien hemm residenti l-appellant bħala *inmate*. Xehed li "**fuq xkaffa fuq in-naħa ta' ġewwa n-naħa tat-tieqa sibna xi foil maħruq suspettat li ntuza f'xi teħid tad-droga. Aktar tard fit-tfittxija nstab pakkett/borza zgħira b'sustanza kannella suspettuza. Insemmi ukoll li iċ-ċella kien hemm ukoll priġunier ieħor ċertu Sandro Mifsud**". Huwa jkompli jispeċifika pero' li ċ-ċella in kwistjoni kienet tal-appellant u li Sandro Mifsud kien sempliċiment mar iżuru dakinhar. Dan il-punt aħħari ġie kkonfermat ukoll minn Helenio Grech li kkonferma li fid-data tal-allegat reat, iċ-ċella in kwistjoni kienet tappartjeni lill-appellant u lil ħadd aktar. Huwa kompla jispjega li qabel ma jidħol priġunier ġdid ġewwa xi ċella din tiġi ċċekkjata kollha u mbattla minn dak kollu li jkun jinsab fiha.

Illi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tiċċita il-ġurisprudenza fejn fissret dak li jammonta għal "pussess" ta' droga liema sentenzi, a skans ta' ripetizzjoni inutli, din l-Qorti tagħmilhom tagħha. Jingħad biss illi f'dan il-każ, iktar minn pussess materjali jirriżulta dak li huwa magħruf bħala pussess kostruttiv, bil-Prosekuzzjoni allura trid neċessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, żewġ fatturi:

i. illi l-persuna akkużata kellha x-xjenza dwar l-eżistenza tad-droga.
ii. illi l-persuna akkużata setgħet teżercita il-kontroll fuq dik id-droga.

Issa meta jkun hemm persuna jew persuni ohra li jkunu fil-viċinanzi ta' dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkużat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jeżerċita kontroll fuqha.

Illi hwua inubitat u lanqas ikkontestat illi ċ-ċella fejn kienet misjuba id-droga kienet tappartjeni biss lill-appellant u li qabel ma huwa ddaħħal jirrisjedi fiha, din ġiet mnaddfa u mbattla minn kwalunkwe ħaġa li seta' kien hemm fiha preċedentement. Magħdud ma' dan, imbagħad il-post fejn kienet misjuba d-droga u il-*foil* mċappsa bid-droga huwa ukoll indikattiv tal-appartenenza ta' din is-sustanza fil-persuna tal-appellant. Il-*foil* maħruq nstab fuq in-naħa ta' ġewwa taċ-ċella, f'ħoġor it-tieqa, bl-aktar prova skjaċċanti, tkun il-borza tad-droga li nstabet propju taħt is-sodda tal-appellant, li fil-ħin tal-ispezzjoni kien saħansitra rieqed fuqha. Dawn il-provi indizzjarji kollha jippuntaw f'direzzjoni waħda – u ċioe li d-droga misjuba kienet taħt il-pussess kostruttiv u kontroll assolut tal-appellant u ta' ħadd aktar. U l-fatt illi ma sarux analiżijiet għal traċċi ta' *DNA* u/jew marki tas-swaba fuq il-*foil* u l-borża elevati, ma jfissirx illi l-ħtija xortawaħda ma tirriżultax. Għaldaqstant hija il-fehma ta' din il-Qorti illi  l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għad-deċizjoni tagħha ta' ħtija fil-konfront tal-appellant u ma hemm xejn sindikabbli fl-istess.

Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jkun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sittax-il xahar priġunerija u multa ta' €1000, fejn l-appellant jilmenta li din kienet waħda eċċessiva u li jistħoqqilha temperament.

Illi, dak li trid tikkonsidra din il-qorti ta' reviżjoni meta tiġi biex tissindika il-piena erogata mill-qorti tal-ewwel grad mhuwiex daqstant jekk hemmx lok għal xi temperament fiha għal xi raġuni fejn  il-ġudikabbli jkun iqis illi din ma tagħmilx

ġustizzja miegħu, iżda unikament jekk din il-piena hijiex b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3] .

Illi, din l-Qorti mingħajr tlaqliq, tqis li l-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda mhux biss fil-parametri tal-liġi, iżda ukoll tirrispekkja n-natura gravi tar-reat kommess mill-appellant, li instab fil-pussess tad-droga erojina f'ammont xejn negliġibbli ta' 10.36 grammi ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, tant illi l-piena neċessarjment trid tkun waħda iktar gravuża bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, li l-Ewwel Qorti għaddiet biex tapplika meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena. *In oltre*, huwa evidenti mill-fedina penali tiegħu li l-appellant xellef duffrejh diversi drabi mal-ġustizzja pero' ma jidhirx li huwa tgħallem mill-izbalji tiegħu. Għalhekk, ma teżisti l-ebda raġuni valida 'il għala l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tkun mibdula b'xi mod. Għal dawn ir-raġunijiet, anke it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.